# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 9663/2024/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Sarah Kebe**
*Omissis*

Illum 23 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Sarah Kebe**, detentriċi tan-numru tal-Pulizija 23H-019, u *Omissis* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Diċembru, u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. kellhom f'idejhom passaport, maħruġ minn awtorita' kompetenti, jew li, ittrasferixxew dan il-passaporti lil persuni

oħra jew irċevew passaporti li ġew ittrasferiti lilhom minn persuni oħra;

2. matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu użu jew ittantaw li jagħmlu użu minn passaporti maħruġa lil persuni oħra, ċioè dak diġa imsemmi;

3. matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ngħataw prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lil-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni;

4. xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati;

5. mingħajr awtorita' leġittima użaw jew kellhom fil-pussess xi dokumenti, meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikati skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Diċembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 32(1)(c) u 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħhom u kkundannathom piena ta' sitt (6) xhur priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellanti Sarah Kebe ppreżentat fit-18 ta' Diċembru 2024 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell, jogħġobha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata tal-5 ta' Diċembru, 2024 profferita mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn sabet lill-esponenti ħatja tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha, iżda tvarja l-piena nflitta, billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fatti speċi tal-każ sabiex b'hekk issir ġustizzja skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellanti, liema Risposta ġiet ippreżentata fid-9 ta' Jannar 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Diċembru 2024.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti titlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha b'dan illi talbet li din il-Qorti tibdel il-piena nflitta għal waħda aktar ekwa u ġusta.

Illi b'hekk il-*gravam* sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena ta' sitt xhur priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha, l-appellanti tisħaq li hija vittma ta' diversi abbużi a bażi tal-ġeneru, li għandha diversi xhur tqala u li għandha diversi kundizzjonijiet mediċi. Tgħid li ma ngħatatx l-opportunita' sabiex tressaq dan fl-ebda mument u li sempliċement ġiet gwidata sabiex tirreġistra l-ammissjoni tagħha quddiem l-Ewwel Qorti u li fl-ebda ħin ma ġiet informata li l-piena kienet ser tkun waħda ħarxa u ċioè ta' ħabs effettiv. Tgħid li tbagħti minn diversi kundizzjonijiet mediċi, inkluż dawk ta' saħħa mentali u li t-tqala tagħha hija waħda diffiċli tant li għandha bżonn tiġi nvistata regolarment ġewwa l-iSptar. Targumenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-fatt li hija tinstab fi stadju avvanzat tat-tqala u li ser ikollha twelled fil-perjodu tal-inkarċerazzjoni tagħha tant li ser tispiċċa ma tkunx tista toqgħod

mat-tarbija tagħha sakemm tiskonta s-sentenza imposta fuqha. Tgħid li dan ser iwassal sabiex tali separazzjoni ser tkun ta' trawma sew għaliha kif ukoll għat-tarbija tagħha u li dan ċertament ħa jħalli impatt kbir fuq is-saħħa mentali tagħha stante li tbati minn *post-traumatic stress disorder*. Tgħid li l-piena imposta fuqha mill-Ewwel Qorti hija ferm eċċessiva u li hija tmur lil hinn minn kull aspett riformattiv u li biċ-ċert setgħet tiġi imposta piena ħafna aktar ekwa u ġusta tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi fir-Risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali jargumenta li huwa ma jħossx li l-ġurisprudenza ċitata minnu fir-Risposta tiegħu għandha tiġi kontradetta u dana peress li l-piena in kwistjoni hija fil-minimu permess mill-parametri tal-liġi u kif ukoll għaliex l-appellanti ma għamlitx sforz sabiex b'xi mod tiggwida lill-Ewwel Qorti fl-ingħatar tal-piena billi titlob, *inter alia*, *pre-sentencing report*. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kellha raġun tinsisti li meta l-Istat jiġi rinfaċċjat b'theddida kontra l-frontieri tiegħu, ir-risposta għandha tkun li tinforza piena eħrex sabiex isservi ta' deterrent fl-interessi tas-sigurta' ta' Malta u mhux biss fl-interessi tal-aspett riformattiv tal-appellanti. Huwa jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna fejn jisħaq li l-piena fihom kienet dik ta' sitt xhur priġunerija ħlief f'sentenza minnhom ossia dik mogħtija fit-28 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet **The Police vs. Bishar Farah Hagar et** (Numru 78/2013) fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddeċidiet is-segwenti:

> "However in the case of Saido Osman Ali, the Court is also going to take into consideration the fact that she is pregnant.
>
> The Court, after seeing Section 4 of Chapter 61 of the Laws of Malta and Article 32(1)(c) of Chapter 217 of the Laws of Malta finds the accused guilty as charged, and condemns Bishar Farah Hager, Abdirizak Yussuf Ahmed, Adnan Ahmed Abdalla and Mohamed Qadar Mohamud Abdulle to six (6) months effective imprisonment.

> In the case of Saido Osman Ali, the Court is condemning her to 6 months imprisonment suspended for two years in terms of Section 28A(1) of Chapter 9 of the Laws of Malta.
>
> In terms of Section 28A(4) of Chapter 9, the Court explained to Saido Osman Ali in simple terms the consequences if she commits another offence during the operative period of this suspended sentence."

Illi l-Avukat Ġenerali jagħlaq billi jgħid li ma jistax jiġi *prima facie* aċċertat li s-sitwazzjoni tal-imputata ħatja fis-sentenza **Bishar Farah Hagar et** hawn fuq imsemmija u s-sitwazzjoni tal-appellanti huma identiċi. Jgħid li mingħajr konoxxenza tas-sitwazzjoni finanzjarja u domestika tal-appellanti, huwa jesprimi r-riżervi tiegħu fuq il-kapaċita' tal-appellanti biex issostni ruħha barra mil-lok penitenzjarju. Finalment, l-Avukat Ġenerali jirrimettu ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2009 fl-ismjiet **The Police vs. David Abekunle et** (Numru 1/2009) u li ġiet kwotata fis-sentenza appellata, fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "4. This Court must make it absolutely clear at the outset that it considers border security to be a very important

> and a very serious matter, and that any attempt to bypass, breach or otherwise circumvent such security by means which are illegal must consequently be regarded as a very serious offence. It is true that, as learned counsel for the appellants has ably shown, the Inferior Courts have, on a number of occasions, dealt with relatively similar cases with a suspended prison sentence. This Court, however, is of the view that such sentences cannot possibly serve as an effective deterrent against attempts to gain access to Malta and/or to the European Union illegally. This Court is of the view that, as a general rule, such cases should be met with a prison sentence with immediate effect, and that, always as a general rule, anything short of an immediate prison sentence amounts to taking a very myopic view of the whole issue of border security. The Inferior Courts should resist the temptation to deal lightly with such cases simply because the accused pleads guilty upon arraignment – as seems to have been the case in at least two of the three cases referred to by learned counsel for the appellants."

Illi apparti dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ċitata, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Awwissu 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Rabia Yavuz et** (Numru 268/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "116. Mill-banda l-oħra, meta trattasi ta' sitwazzjonijiet partikolari immens bħal dawk li sabu ruħhom fiha ulied l-appellanti, grazzi għall-illegalita' kommessa mill-appellanti, u li allura dawn it-tfal minorenni ta' erba' u kważi tliet snin, f'art barranija u differenti minn dik li trabbew fiha s'issa, mingħajr għarfien ta' lsien l-art li laqgħathom fiha, mingħajr missier, mingħajr xi qarib, nanna, ziju jew kuġin, u issa wkoll mingħajr omm, hija konsiderazzjoni li din il-Qorti tħoss li għandha tqis meta tiġi biex tanalizza s-sentenza emanata fid-dawl ta' dawn

l-iżviluppi legali relattivament riċenti li saru u qegħdin isiru madwar diversi sistemi legali fid-dinja, kif imsemmi aktar il-fuq.

117. Għalhekk din il-Qorti jidrhilha li, fiċ-ċirkostanzi partikolari ħafna ta' dan il-każ, għalkemm il-piena ta' priġunerija xorta tibqa' dik indikata, mill-banda l-oħra, meqjusa dawn il-prinċipji legali imsemmija aktar il-fuq, din is-sentenza ta' priġunerija għandha tiġi mibdula f'waħda sospiża. Del resto, kif jgħallem ben tajjeb il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano fis-sentenza tiegħu **Abekunle** aktar il-fuq ċitata, hija r-regola li dawn il-każijiet jiġu puniti b'piena ta' priġunerija effettiva. Iżda ladarba dik hija r-regola, jista' jkun hemm ċirkostanzi, eċċezzjonali, fejn tiġi applikata eċċezzjoni għal dik ir-regola. Dan huwa każ fejn, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-applikazzjoni ta' dik l-eċċezzjoni għandha ssir.

118. L-Avukat Ġenerali sostna li jekk din is-sentenza tiġi mibdula f'waħda sospiża, dan sejjer iwassal messaġġ lil dawk l-immigranti li jridu jidħlu Malta b'mod illegali li jekk ikollhom it-tfal magħhom huma jistgħu jevitaw sentenza ta' ħabs effettiv minħabba l-fatt li jkollhom it-tfal magħhom. Għal darb'oħra din il-Qorti terġa ttenni li ma tistax tiġġeneralizza. Kull każ irid jiġi mistħarreġ skont il-fattispecie tiegħu. Mhux kull każ jista' jkun meritevoli ta' din il-miżura. Mhux kull min jivjaġġa illegalment bit-tfal jinsab fl-istess sitwazzjoni attwali tal-appellanti u t-tfal tagħhom. Barra minn hekk jiddependu wkoll diversi fatturi oħra, li jkunu jinkludu, l-etajiet tat-tfal, ma' min mill-ġenituri tagħhom ikunu qegħdin jivjaġġjaw, jekk ikollhomx qraba jew ħbieb residenti lokalment, jekk it-tfal ikunux ta' eta suffiċjenti li jifhmu, jekk ikunx kapaċi jitkellmu b'xi ilsien mitkellem regolarment f'dawn il-Gżejjer, u diversi kriterji oħra li jkunu jridu jiġu analizzati każ b'każ.

> 119. Minbarra dan, l-Istat jista' wkoll jattrezza ruħu bi strutturi legali ċari u loġistiċi ta' Mother and Baby Unit aħjar u li jkun aktar simili għal dawk li jeżistu barra minn Malta fosthom fl-Ingilterra, fl-Italja u pajjiżi oħra fejn fil-każ fejn ikun strettament meħtieġ li ġenitur ta' wlied dipendenti jiġi inkarċerat għal perjodu ta' żmien, ikun possibbli għalih li jkollu lit-tarbija miegħu; jew li jkun hemm strutturi alternattivi għal inkarċerazzjoni iżda li jkunu jistgħu jinkludu miżuri restrittivi tal-liberta f'postijiet li jkunu alternattivi għall-Faċilita Korrettiva ta' Kordin – u li f'kull każ dawn it-tfal dipendenti jkunu indukrati minn professjonisti apposta li jkunu jistgħu jagħtuhom dak is-support meħtieġ biex jegħlbu t-trawma li ġġib magħha r-restrizzjoni tal-liberta fuq il-ġenitur misjub ħati."

Illi l-fattispeċie tal-każ hawn fuq appena ċitat ma humiex identiċi eżatt għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti pero' fl-istess waqt huma simili u dana peress li fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti l-appellanti tinsab fi stadju avvanzat ta' tqala. Din il-Qorti hija tal-fehma li għandha taderixxi mas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Rabia Yavuz et** hawn fuq ċitata u dana wara li ħadet in konsiderazzjoni wkoll ta' dak li ngħad fir-Rikors tal-appell tal-appellanti u kif ukoll il-fatt li l-appellanti ammettiet ma' l-ewwel opportunita' li kellha quddiem l-Ewwel Qorti. B'hekk l-aggravju tal-appellanti qed ikun milqugħ u għaldaqstant din il-Qorti ser tagħmel temperament fil-piena imposta fil-konfront tal-appellanti bil-mod kif imsemmi hawn isfel.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellanti Sarah Kebe u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tagħha;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellanti għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u minflok b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundannaha għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal sentejn.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**